**QORTI CIVILI – PRIM AWLA**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN**

**Illum 15 ta' Lulju, 2016**

**Referenza Kostituzzjonali Numru 12/2016MH**

**IL-Pulizija**

**Vs**

**Clayton Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datat 1 ta' Frar, 2016 fejn hemm miktub hekk:

*"Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistit minn Dr. Franco Debono.*

*Deher l-Ispettur Malcolm Bondin ghall-prosekuzzjoni.*

*Dr. Franco Debono ghall-imputat qed jitlob referenza kostituzzjonali filwaqt li jirreferi ghas-sentenzi 'Mario Borg vs Malta', 'Demirkaya vs Turkey', 'Bos vs Turkey', 'Pischalnikov vs Russia', 'Dianan vs Turkey', ' Bruskow vs France' u ' Salduz vs Turkey' kif ukoll is-sentenzi fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alvin Privitera' u 'Pulizija vs Esron Pullicino' decizi mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta u jitlob*

*lill-Qorti sabiex tiddikjara illi n-nuqqas ta' assistenza legali ghall-akkuzat fl-istadju ta' investigazzjoni kif ukoll in-nuqqas tal-applikazzjoni tar-rule of disclosure fi stadju ta' investigazzjoni, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkuzat ghal smiegh xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Eworpeja. In oltre, jitlob referenza kostituzzjonali sabiex il-Qorti tiddeciedi dwar in-nuqqas t'assistenza legali tax-xhud principali Maria Assunta Vella f'dan il-kaz fl-istadju ta' investigazzjoni ghall-istess ragunijiet u b'referenza ghall-istess sentenzi kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll tal-Qrati Kostituzzjonali ta' Malta. Ghaldaqstant Dr. Debono umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qori tirrimetti l-atti lill-Qorti kompeptenti sabiex jigi determinat jekk ic-cahda ghal assistenza legali kemm fil-konfornt ta' Clayton Azzopardi kif ukoll fil-konfront tax-xhud Maria Assunta Vella kif ukoll in-nuqqas ta' applikazzjoni tar-rule of disclosure fir-rigward tal-imputat Clayton Azzopardi tikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq.*

*Il-Qorti, wara li kkunsidrat it-talba tad-difiza, kif ukoll rat is-sentenzi 'Mario Borg vs Malta' fost ohrajn, inkluz is-sentenzi li nghataw wara din is-sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, b'mod partikolari fl-ismijiet 'Malcolm Said vs Avukat Generali et' tal-14 ta' Jannar 2016, kif ukoll is-sentenza 'Aaron Cassr vs Avukat Generali et' tat-28 ta' Jannar 2016, tqis dawn l-ilmenti kif delinejati fit-talba tad-difiza mhumiex frivoli u vessatorji u ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, tirreferi dawn l-ilmenti lill-Prim Awlta tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex taghti l-gudizzju taghha dwar l-istess b'referenza ghall-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Tordna li l-atti jigu rimessi lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghal dan l-iskop.*

*Il-Qorti qed tiddifferixxi l-kawza ghall-11 ta' Mejju 2016.*

*L-imputat notifikat fl-awla bid-data tad-differiment li jmiss"*

Rat li appuntat din ir-referenza ghas-smigh ghall-24 ta' Frar, 2016;

Rat li ghalkemm dan is-smigh gie differit ghal provi ta Clayton Azzopardi dana ghamel referenza ghal dokumenti annessi, allura l-atti kriminali, u ghalaq il-provi tieghu;

Rat li l-Avukat Generali wara li talab ghax-xhieda ta' l-istess Clayton Azzopardi li ghazel li ma jiddeponix biex ma jinkriminax ruhu n vista lil proceduri kriminali fil-konfront tieghu kienu ghandhom ghaddejjin, ghazel li jtella' jiddeponi lil Ispettur Jesmond Borg[1]. Ikkonferma dan illi Clayton Azzopardi kien irrilaxxa stqarrija, (esebita fl-atti Kriminali a fol 10-12) fi zmien lil ligi penali maltija ma kienetx tipprovdi ghad-dritt ta' assistenza legali qabel it-tehid taghha. Qabel ukoll li Azzopardi ma kienx talab ghal assistenza legali, kif ukoll li kieku talab ghal istess, minhabba l-vinkolu legali ma kienx jigi akkordat dana d-dritt. Xehed li Azzopardi nghata s-solita twissija vigenti dak iz-zmien.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet taz-zewg partijiet.

Ikkonsidrat

[1] Seduta tas-16 ta' Marzu, 2016

Illi l-ewwel lanjanza mressqa mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu[2] tikkoncerna l-mod kif il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti riferenti rridegit ir-referena Kostituzzjonali. Ghalkemm jghid li ghar-ragunijiet ta' ekonomija ta' giudizzju ma kienx qed jressaq tali ilment b'mod formali cioe bhala ecezzjoni ghan-nullita tar-referenza, pero aktar tard fin-nota ta' sottomissjonijiet [3] jespandi fuq l-istess.

Qal li fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati ma kienetx *ezatament* segwiet ir-regolament 5 tar-Regoli tal-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni Legislazzjoni Sussidjarja 12.09. Ikkritika l-mod kif saret din ir-referenza in kwantu l-Qorti riferenti strahet biss ghalhekk fuq il-verbal tal-parti.

**Referenza Kostituzzjonali**

Ikkonsidrat;

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar dan il-punt fl-appell tar-referenza fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija (George Cremona) vs Pauline Vella deciza fit-30 ta' Settembru, 2011;**

"*Wara kollox hemm regolamenti precizi li jistabbilixxu r-rekwiziti minimi ta' kull riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali u dawn ir-rekwiziti, li ma huma xejn esigenti, ghandhom jigu dejjem segwiti. Hekk, issubinciz (1) tar-regola 5 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni3 jipprovdi kif gej: "Fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, f'l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 95(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ordni li bih kwistjoni tigi mibghuta ghandu jkun fih*

[2] A fol 5
[3] A fol 17

*b'mod konciz u car il-fatti u c-cirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinholoq, ittermini ta' dik il-kwistjoni, u jindika liema hi d-dispozizzjoni jew liema huma d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ikun il-kaz, li jkunu allegatament gew miksura."*

**14.** *Filwaqt li l-fatti li taw lok ghar-riferenza huma delineati adegwatament fl-ordni ta' riferenza, it-termini tal-kwistjoni riferita lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili huma inezistenti u l-ordni ma fih ebda indikazzjoni tad-dispozizzjoni jew dispozizzonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li allegatament gew miksura. Ghalhekk l-ewwel Qorti, in vista tan-nuqqasijiet serji li fih l-ordni tar-riferenza, kienet tkun pjenament gustifikata li tibghat lura l-ordni ta' riferenza lill-Qorti riferenti sabiex tintegraha bir-rekwiziti skont kif previst fir-regola 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni.*

**15.** *B'danakollu,* *f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri, filwaqt li ghal darb'ohra tishaq fuq in-necessita` li l-Qorti riferenti tottempera ruhha ma' dak dispost fir-regoli fuq imsemmija, din il-Qorti ma hix ser thalli n-nuqqasijiet rilevati fl-ordni ta' riferenza jxekkluha milli tiddetermina l-mertu tal-kwistjoni li temergi mill-fatti delineati sakemm il-Qorti tkun tista' xort'ohra tidentifika t-termini tal-kwistjoni riferita, u dan sabiex jigi evitat kull dewmien bla bzonn fid-determinazzjoni ta' kwistjonijiet li jinvolvu d-drittijiet fondamentali tal-bniedem."*

L-istess messag ippronnuzjat l-istess Qorti fl-Appell ukoll minn referenza fl-ismijet **The Police vs Nelson Arias** deciza fit-28 ta' Settembru, 2012, hawn intqal;

***"This Court's assessment***

***18.*** *It is with considerable consternation that this Court notes once again that, as correctly pointed out by the Attorney General in his reply to the reference before the first Court, the referring Court in this case failed to comply with the requirements of rule 5(1) of the Court Practice and Procedure and Good Order Rules(3) when drawing up the reference to the First Hall Civil Court in its constitutional competence. The reference made is totally vague, unclear as to the nature of the constitutional questions to which the referring Court required answers, completely deficient in the nature of the actual or potential violations of the Constitution and/or of the Convention, with not the slightest indication of the article or articles, to say nothing of the relevant paragraphs, of the Constitution or of the Convention which are alleged to have been or are likely to be breached. This Court repeats that this is unacceptable as it has pointed out on several occasions ... but apparently to no avail.*

***19.*** *Nevertheless the, Attorney General, in the same reply pointed out that from the minute dated 18th October 2011 entered by the defence in the record of the proceedings before the Court of Magistrates and to which reference is made in the order of reference of that Court, it would appear that the questions to which the said Court required answers concerned the length of the proceedings in relation to Articles 39 of the Constitution and Article 6(1) of the Convention as well as the defendant's continued detention in the criminal proceedings for the maximum period allowed by law in relation to Article 5(3) of the Convention 3 L.N. 279/2008".*

Johrog car minn dan suriferit illi referenza ghandha tkun wahda cara fit-termini taghha, cara fil-gwidi mitluba biex l-istess Qorti li qed tilqa tali riferenza tkun f'posizzjoni tirrispondi ghalija.

Ikkonsidrat;

Illi elenkati dawn il-linji gwida fir-rigward ta' kif ghandha tiġi formulata referenza, f'dik in ezami jinghad illi fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza ghal artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li tahom hu allegat il-ksur. Terga u tghid il-verbal tad-difiza huwa car u abbastanza indikattiv ta' dak li huma l-lanjanzi ta' indole kostituzzjonali ta l-akkuzat. Tqis li l-allegat ksur ta' l-artikoli suriferiti jrid jigu ezaminati fil-konfront tas-segwenti lanjanzi;

-Ksur ta' l-imsemmija artikoli, ghalhekk lezjoni tal-jedd tas-smigh xieraq in vista tal-fatt li l-akkuzat ma kellux assistenza legali tul it-tehid ta' l-istqarrija tieghu;

-Ksur ta' l-imsemmija artikoli n vista tal-fatt lix-xhud principali tal-prosekuzzjoni cioe Maria Assunta Vella fit-tehid ta' l-istqarrija taghha ukoll ma kienetx debitament assistita minn avukat, allura anke hawn allegat l-istess lezjoni:

-Ksur ta' l-imsemmija artikoli minhabba nuqqas ta' applikazzjoni tar-*rule of disclosure.*

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi t-*terms of reference* lilha mibghuta mill-Qorti tal-Magistrati huma cara bizzejjed biex tkun tista tirrispondi ghal istess u konsegwentement tqis li din ir-referenza hija limitata fuq it-tlett punti hawn fuq

indikati. Dan jidher li ukoll gie mhaddan mill-Avukat Generali fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Inoltre l-Avukat Generali jilqa ukoll ghat-talba tar-referenza n kwantu huwa tal-opinjoni lir-rikorrenti Clayton Azzopardi ma jistax f'dan l-istadju jilmenta minn ksur ta' l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu skontu, biex tigi misjuba lezjoni ta' smigh xierqa, jinhtieg illi l-process jigi ezaminat fit-totalita' tieghu, fl-assjem ta' dawk in-nuqqasijiet procedurali li jkunu inkorrew fis-smigh kollu tal-kawza innifisha. Ghalhekk jqis it-talba ta' Clayton Azzopardi f'dan l-istadju bhala wahda intempestiva.

**Intempestivita' tat-talba.**

Kif hu saput din ir-referenza qed isir a bazi ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li ghalhekk jimporta lil Qorti referenti, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qieset li taghmel wara li wasslet ghal konkluzzjoni lit-talba in ezami ma kienetx wahda la frivola jew vessatorja. Rizultat mod iehor kien iwassal ghal cahda minn naha tal-Qorti referenti. Dan il-punt wahdu gia jincidi sew fuq din il-vertenza ta' intempestivita' mressqa mill-Avukat Generali. Illi ssegwi ghalhekk lil Qorti referenti hasset ukoll dak li hu l-import ta' dan l-allegat ksur, anke f'dan l-istadju daqstant bikri tal-proceduri.

F'dan ir-rigward inghad hekk fil kawza fl-ismijiet Qorti Kostituzzjonali 29/10JA 25.09.15 **Il Pulizija Assistant Kummissarju Lawrence Cauchi vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et**

***"Apprezzament ta' din il-Qorti***

**47.** *Hija l-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-Qorti fi Strasburgu li l-eżami jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq irid isir billi jittieħed qies tal-proċedimenti kollha fl- assjem tagħhom u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti u mhux qabel. Dan huwa ugwalment applikabbli meta din il-Qorti jkollha tikkunsidra jekk x'aktarx tkunx ser issehh tali vjolazzjoni.* ***Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedew li in linea eċċezzjonali xi fatturi partikolari tal-proċeduri jistgħu jkunu tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni"*** (emfasi ta' din il-Qorti).

Ta' l-istess hsieb huwa dak li nsibu fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Alvin Privitera** (Prim'Awla Sede Kostituzzjonali)[4], qalet hekk il-Qorti dwar l-eccezzjoni ta' intempestivita' tar-referenza*:"Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li l-process irid jigi ezaminat fit-totalita' tieghu dan ma jfissirx li hemm bzonn li tistenna l-ezitu finali tieghu bilfors! Jekk hemm ragunijiet li jindikaw li d-dritt ta' smigh xieraq qieghed jigi jew se jigi pregudikat il-Qorti ghandha dmir tiddikjara li tali dritt ta' smigh qed jew ser jigi miksur."*

Il-Qorti l Kostituzzjonali fl-istess kawza deciza fil-11 ta' April, 2011 qalet hekk;

*" Illi l-appellant isostni li d-dritt ghal smigh xieraq ghandu jigi evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-procedura u mhux fir-rigward ta' xi mument partikolari ta' dawk il-proceduri. Ghalkemm din il-Qorti taqbel ma' dan il-principju, hija tal-fehma pero` li meta diga` jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti*

---

[4] Deciza 28 ta' Ottubru, 2010; Ref. Kost. 20/2009

*tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Jista' jaghti l-kaz li jkun tard wisq jew dak li jkun imbaghad jibqa' minghajr rimedju.".*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jistghu jippregudikaw id-dritt ta' persuna akkuzata irrimedjabbilment".*

Dwar din l-eccezzjoni ta' l-intempestivita' tat-talba insibu li l-istess Qorti Kostituzzjonali rriteniet fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Lombardi**[5] illi:

*"L-appellati jikkontendu li d-dritt ta' assistenza minn Avukat m'ghandux jittiehed wahdu f'izolament imma ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu fit-tmiem tal-process. Fl-imsemmi kaz* ***Salduz*** *difiza simili kienet giet avvanzata izda l-Qorti warrbitha billi rragunat li:*

*"Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions" (***Imbrioscia,*** *cited above, § 36). Qalet ukoll: "In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial" (***Can v. Austria****, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 50,Series A no. 96).*

[5] Deciza 12/04/11 Rikors 34/2009/1

Ghalhekk considerando dak espost fil-gurisprudenza indikata, hija l-fehma ta' din il-Qorti li biex jigi dikjarat jekk hemmx lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq mhux necessarju l-istennija tat-tmien tal-proceduri penali jew adirittura li jigi attwalment miksur xi dritt tal-akkuzat, imma jekk ikun hemm diga` ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista' taghmel dik id-dikjarazzjoni, hija **ghandha** tezamina l-lanjanza kif sollevata, aktar u aktar meta tikkoncerna ksur li huwa decisiv fuq l-andament u ezitu tal-proceduri. Kif tikteb **Karen Reid** fil-ktieb **"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"**, 3rd Edition page 70 "*While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall"*. Fil-fehma ta' din il- Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi billi jista' jiddetermina *"the framework in which the offence charged will be considered at the trial"* **(Can)**."

Kif inghad fir-referenza Kostituzzjonali fil-proceduri tal-Att ta' Akkuza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** ta' l-4 ta' Lulju, 2011, 32/2010 LQ dwar l-istess eccezzjoni u ghalhekk l-istadju li ghandha tintalab referenza:

*"...Min-naħa l-oħra, pajjiżi oħra l-kwistjoni ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dritt tista' ( u ħafna drabi **għandha**) titqanqal quddiem kwalunkwe Qorti li trid tiddecidiha hi u fl-aħħar, wara li l-kwistjoni tkun għaddiet l-għarbiel tal-Qrati ordinarji kollha, wieħed **jista'** (għax il-jedd mhux dejjem awtomatiku u jista' jkun suggett għal skrutinju kif jigri, per eżempju, fil-*

*Germanja)*[6] *jasal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali tal-pajjiż. Fil-każ ta' Malta, kemm skont il-Kostituzzjoni kif ukoll skont il-Kap 319, ir-referenza jew ir-rikors dirett jista' jsir kemm 'jekk giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura xi waħda mid-dispożizzjonijiet tad-Drittijiet Umani.' Din is-sitwazzjoni tagħtik dritt li ggib 'il quddiem l-allegazzjoni tiegħek qabel ma jkunu saru l-proceduri kollha u din l-allegazzjoni ma ssirx quddiem il-Qorti li qed tisma' l-każ għajr f'eccezzjoni li tirrikonoxxi esplicitament il-Kostituzzjoni."*

Illi elenkati dawn il-principji u zviluppi fil-kazistika nostrana u tal-Qorti Ewropea din il-Qorti tqis lir-referenza mitluba hija tempestiva n kwantu l-ezitu taghha huwa tali li jimpingi u hu decisiv fuq il-gudizzju finali, ghalhekk is-sottomissjoni mressqa mill-Avukat Generali f'dan ir-rigward qeghda tiġi respinta.

Ir-referenza mituba minn din il-Qorti hija ta' direzzjoni dwar l-allegat vjolazzjoni tad-drittijiet ta' l-akkuzat fil-konfront tat-tlett lezjonijiet li okkorrew fi stadju ta' interrogazzjoni u investigazzjoni u uzu ta' l-istqarrijiet hemm mehdua fil-proceduri, liema vjolazzjonijiet allegatament jilledu d-dritt ta' smigh xieraq a tenur **ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Dwar l-allegat ksur taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta nghad f'decizjoni ricenti tal-Prim'Awla (sede kostituzzjonali) fl-ismijiet **Aaron**

[6] Ara l-każ Niemitz versus Germany. Fil-Germanja r-rikorrent ma kienx ingħata permess imur quddiem il Bundesverfassungsgerichthof ta' Karlsruhe. Ir-rikorrent ħa l-każ quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u rebħu.

**Cassar vs Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija** datat 28 ta' Jannar, 2016; 7/2014/LSO (fejn saret referenza ghal dak li qalet l-istess Qorti kif diversament preseduta fir-referenza fl-ismijiet **Peter Joseph Hartshorne vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-30 ta' Mejju, 2014; 100/2013 JRM, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar, 2015; Appell Civili Numru 100/2013/1):

"***L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

*Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja.*

*Illi ghalhekk minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu jirrigwardaw ġrajja li seħħet qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, din il-Qorti ssib li l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni."*.

Illi l-kawza li minnha saret din ir-referenza n ezami hija wahda mibdija u li se titkompla mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[7], Qorti li a forza ta' l-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) sejra tghaddi biex tiddeciedi l-akkuzi mressqa kontra l-

[7] Ara ordni ta' l-Avukat Generali a folio 2 ta' l-atti kriminali annessi.3

istess Clayton Azzopardi. Jissottometti l-Avukat Generali fin-nota tieghu lli l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli ghal dak allegat ksur li seta sehh waqt l-istadju tal-interrogazzjoni tal-pulizija, allura qabel il-bidu tal-proceduri penali.

Tikkonsidra illi l-Avukat Generali ghandu pjenament ragun dwar dan sakemm pero r-referenza mitluba tmiss avvenimenti li sehhew qabel ma nbeda l-process kriminali kontra Azzopardi. Pero kif jidher car mill-kelma tal-ligi, cioe mil-qari ta' artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, dana ssib l-applikabilita' tieghu darba li giet formulata u migjuba akkuza, *charge* kontra persuna, akkuza li qeghda tinstema minn Qorti fi procediment appositu. Insibu dwar dan f'gudizzju ricenti moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Malcolm Said vs L-Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija** datata 24/06/2016 li gie dan ritenuti:

*"8….. Ma jfissirx iżda illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat, b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux "akkużat") iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat".*

*9. Għal din ir-raġuni ma jistax jingħad a priori illi l-art. 39 huwa għal kollox inapplikabbli, u l-aggravju huwa għalhekk miċħud."*

Ghaldaqstant n kwantu dan citat, tqis din il-Qorti li l-Avukat Generali m'ghandux ragun finche l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli darba li jsir uzu ta' l-istqarrija lamentata fil-kors ta' proceduri penali.

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

L-allegata lezjoni ta' smigh xieraq hija ukoll avanzata minn Clayton Azzopardi fil-konfront ta' dak li jipprovdi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna lli dana l-artikolu ssib applikazzjoni hafna usa minn dik moghtija lil artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Naraw ghalhekk lil kelma "*charge*" fl-artikolu 6 ssib interpretazzjoni aktar awtonoma minn dak solitament moghtija fil-ligi penali. Insibu fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Daweer v Belgium**[8] nghad li biex tissustixxi *charge* bizzejjed *"an official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence"* Hawn gie spjegat lil kelma *charge* kellha tinghata sinifikat sostantiv mhux wiehed formali, u li l-attenzjoni ghandha tinghata "*to look behind the appearances and investigate the realities of the procedure in question to see whether the applicant is 'substantially effected' by the steps taken against him."*

Fil-kawza suriferita fl-isem ta' **Peter Joseph Hartshorne** nghad hekk dwar l-applikabilita' ta' dan l-artikolu: *"Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk";*

[8] A 35(1980)

*"Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien ma' l-artikolu 6(1) tal istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial"*[9]*;*

*Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilita' tal-ħarsien tal jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."*

**Ikkunsidrat:**

Kif gia nghad il-lanjanzi ta' indole kostituzzjonali mressqa huma tlieta.

**Nuqqas ta' assistenza legali waqt it-tehid ta' l-istqarrija.**

[9] 11 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), paġ.631a

Illi bla tlaqliq jista komodament jintqal li din il-vertenza qalet hafna kontroversji kemm fil-kamp politiku kif ukoll dak legali nostran. Ilum din l-assistenza hija sancita fl-artikoli 355AT u 355AU tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li dahhlu fis-sehh fl-10 ta' Frar, 2010.

Illi huwa car mid-dicitura ta' l-artikolu 355AT tal-Kap 9, illi llum huwa obbligatorju fuq il-pulizija, (dejjem bla hsara ghal dak provdut fis-sub inciz 5 ta' l-istess artikolu), li ghandhom mall-arrest jew detenzjoni ta' persuna jaghtuha dritt li ghal siegha konsoltazzjoni ma avukat ta' xelta taghha, danqabel ma jibda l-interrogatorju ta' l-istess persuna. Din hija l-assistenza legali kif llum sancita fil-kodici penali taghna. Din hija fakolta li ma kienetx moghtija lil imputat Clayton Azzopardi dan skont kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Jesmond Borg[10]; l-istqarrija tar-rikorrenti ttiehdet fil-25 ta' Ottubru, 2009, allura meta il-ligi penali taghna kienet priva minn dan id-dritt.

Illi kif gia nghad dan il-punt kien u ghadu suggett ta' diversi kontroversi fil-kamp legali u dak kazistiku, ghalkemm illum il-posizzjoni fil-konfront ta' dan id-dritt huwa wiehed li gie tista tghid kwazi kristallizat bil-gudizzju moghti mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Borg vs Malta**[11]**,** liema gudizzju kellu impatt mhux negligibli fuq il-Qrati taghna. F'dan intqal b'mod kategoriku lli *" 58 Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6".* Inghad ukoll b'mod daqstant iehor emfatiku illi *"Early access to lawyer is one of the safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination"*

[10] A folio 16
[11] Application no. 37537/13: 12.01.16

Varji kienu d-decizjonijiet studjati moghtija mill-Qrati nostrana li primarjament segwew b'mod aktar kompatt dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-konfront ta' dan id-dritt fil-kawza **Salduz vs Turkey**[12] fejn inghad fil-konfront ta' dan id-dritt;"*In order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' ....., Article 6 § 1[ of the Convention] requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6.....The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during the police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction"*

Ghalhekk insibu li fil- kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (l-Ispettur Victor Aquilina) vs Alvin Privitera** (-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April, 2011 20/2009/1) trattando wkoll ta' referenza kostituzzjonali dwar allegata lezjoni ntqal:

*"Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6. Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irremedjabbilment pregudikat meta hu*

[12] GC; 27/11/2008 § 55

*jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u* ***dawn l istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu."*** *( emfasi ta' din il-Qorti).*

*"Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropeja dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni conviction mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc. Il-Pulizija ghandha ssib il-mezzi biex issolvi l-kazijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni facili ta' ammissjoni minn persuna investigata minghajr l-assistenza ta' avukat.*

*Kif qalet il-Qorti fil-kaz* ***Salduz:*** *" "These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.*

***[53]*** *"At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings…. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself".*

Il-Qorti Kostituzzjonali Nostrana l-ghada stess tat-sentenza appena citata, tat sentenza ohra issa fl-ismijiet **il-Pulizija (Victor Aquilna vs Mark Lombardi** 34/2009/1[13] fejn wasslet sahansitra lli ttajjar t-tezi ta' l-ewwel Qorti meta dina hadet in konsiderazzjoni l-uzu ta' l-istqarrija fil-kors tal-proceduri kriminali a kuntrast tal-otteniment ta' l-istess minghajr assistenza legali. Qalet din il-Qorti*:* *"Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet diversi drabi li d-dritt li persuna tiddefendi lilha nnifisha personalment jew permezz ta' assistenza legali huwa element fundamentali tad-dritt ghall-fair trial. Insibu f'dawn id-decizjonijiet li:*

*"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial" (**Poitrimol v. France**, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and **Demebukov v. Bulgaria** no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).*

*Id-dritt li wiehed jiddefendi lilu nnifsu personalment jew permezz ta' assistenza legali gie ezaminat diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg u kien hemm zvilupp notevoli fil-hsieb ta' dik il-Qorti minn xi snin l'hawn"*

*"Wara dan il-kaz il-Qorti Ewropea ftit li xejn kienet preparata li taccetta eccezzjonijiet ghar-regola stabbilita minnha f'dik is-sentenza dwar id-dritt ghall-avukat. In segwitu kien hemm kazijiet ohra li jsegwu l-principju stabbilit fil-kaz Salduz. Fil-kaz **Dayanan v. Turkey 13.10.2009**, gie stabilit li 'restriction of the right of an individual deprived of his liberty to have access to a lawyer was sufficient for it to be able to conclude that there had been a violation of Article 6, even though the applicant had remained silent while in police*

[13] 12/04/2011

*custody'. Fil-kaz* **Yeşilkaya v. Turkey 8.12.2009** *inghad li: 'The applicant was refused access to a lawyer while in police custody, although he had denied any involvement in the offences imputed to him by the interviewing officers'. Nonostante dan il-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 § 3 (c) flimkien mal-Artikolu Article 6 § 1. Fil-kaz* **Boz v. Turkey 9.02.2010** *'the Court reiterated that systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions breached Article 6'. Min naha l-*ohra *fil-kaz* **Yoldas v. Turkey 23.02.2010** *'the applicant's waiver of the right to be assisted by a lawyer had been free and unambiguous' u ma kienx hem vjolazzjoni ta' Artikolu 6 §§ 1 and 3 (c). (ara Fact Sheet (Police Arrest) mahrug mill-E C H R)."*

*Hawn il-Qorti sabet ksur "Fil-mument li gie interrogat l-appellanti u meta rrilaxxa zewg stqarrijiet mall-ufficjali koncernati kienet tipprevali ' a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions"*

Fl-istess gurnata li giet deciza is-sentenza appena citata il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza ohra fuq l-istess linji ta' **Alvin Privitera** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) vs Erson Pullicino.**

Il-Qorti Kostituzzjonali nostrana pero nonostante dana elenkat, marret lil 'l hinn mill-interpretazzjoni ta' **Salduz,** anzi zvillupat bir-reqqa fuq dak li nghad fl-istess, billi f'dak li kien ikkunsidrat minn hafna bhala *landmark judgement* in materja, ezaminat il-validita' ta' l-istqarrija ta' l akkuzat moghtija minghajr id-dritt ta' assistenza legali minn ottika tan-natura ta' l-akkuzi (gravita'), eta u vulnerabilita' ta' l-imputat, dana fid-decizjoni fl-ismijiet **Charles Steven Muscat**[14]. Qieset li l kaz ta' Salduz kien wiehed "*estrem u eccezzjona*li" in

[14] 08/10/12

vista tal-fatt li l-akkuzi migjuba kontra Salduz kienu ta' natura politika, ukoll minhabba li l-akkuzat kellu sbatax il-sena u li kien ammetta l-akkuzi meta ma kienx moghti l-ghajnuna ta' avukat. Aktar ghaliex wara jumejn, meta l-istess Salduz gie interrogat quddiem mill-Magistrat Inkwerenti, huwa cahad l-ammissjoni u stqarr li kien ghamel dan taht theddid, swat, maltrattament fiziku u psikologiku mill-pulizija. Citat decizjonijiet li jirriflettu l-istess hsieb, **Panovits vs Cipru,**[15] trattando ta' investigat minorreni u l-imgieba hazina tal-avukat tieghu, u **Plonka v Polonja**[16] li kien jitratta vulnerabilita' minhabba alkoholizmu. Naraw ukoll lir-relevanza li tat il-Qorti Maltija fil-konfront tal-vulnerabilta' ta' l-investigat sab konfort fid-decizjoni **Paskal v l-Ukraina**[17] fejn intqal; " *the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed*"[18]. Kien minhabba dawn il-fatturi ezaminati u elenkati lil Qorti Kostituzzjonali sabet li kellha tiddipartixxi fil-kawza ta' Muscat minn dak li kien precedentement gia stabbilit fil-kawzi suriferiti kontra **Privitera, Pullicino u Lombardi** fost ohrajn. Fatturi ohra li qieset il-Qorti Kostituzzjonali, meta cahdet l-allegazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet ta' l-akkuzat, kienu li qabel l-interrogatorju, l-istess akkuzat kien gie mgharraf bid-dritt li jibqa sieket u li ma jwegibx, kif ukoll li nonostante il-konsapevolezza ta' dak stabbilit fis-sentenza ta' Salduz, huwa ma fittex li jirtira l-istqarrija minnu rilaxxata.

Hsieb iehor fil-konfront ta' din allegata lezjoni ta' smigh xierqa gie zvillupat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** (26 ta' April 2013; 432011/1 fejn il-Qorti barra li hadet in konsiderazzjoni in-nuqqas ta' vulnerabilta' ta' Dimech waqt ir-rilaxx ta' l-istqarrija ziedet "*Fil-fehma ta' din il-qorti ghalhekk ma ntweriex illi Martin*

[15] Q.E.D.B 11/12/2008;
[16] Q.E.D.B 31/03/02;
[17] Q.E.D.B. 15/09/2011
[18] Para. 14

*Dimech garrab xi pregudizzju bil-fatt illi ma kellux ghajnuna ta' Avukat meta ta' stqarrija b'mod illi hemm xi perikolu oggettiv illi minhabba f'hekk ma huwiex sejjer jinghata smigh xieraq b'harsien ta' dak li jrid l-*artikolu 6 tal-*Konvenzjoni."*

Senjatament il-Qorti Ewropea fid-decizjoni **Martin Dimech v Malta**[19] deciza fit-2 ta' Lulju, 2015 hadet konjizzjoni tal-fatt lil Qrati Maltin nonostante lil proceduri kriminali fil-konfront ta' Dimech kienu ghadhom ghaddejjin, xorta hadu konjizzjoni tal-lanjanza mressqa. Ziedet illi ghalkemm kien hemm lezjoni tad-dritt ta' smigh xierqa meta kien jinkorri *" A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the applicant to be eventually acquiited or the Court to find a violation of Article 6 (see for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, 31-33. 13 October 2009; Yesilkaya v. Turkey no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazi Kaya v. Turkey no. 24820/05 17 September 2013). The same situation appears to obtain in the present case." (gialdarba d-dritt ta' assistenza ta' Avukat waqt it-tehid ta' l-istqarrija kien mankanti fil-ligi domestika nostrana*), imma kompliet *" Nevertheless, unlike in the above mentioned examples, the criminal proceedings in the present case have not come to an end. ....The Courts notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage he reached in the proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."* Ziedet li *" ..the court considers that it cannot be excluded that the applicant be eventually acquitted or that proceedings be discontinued"* Jidher ghalhekk li hawn il-Qorti riedet u

[19] Application 34373/13

stabbilit illi kien l-uzu nnifsu ta' l-istqarrija li jwassal ghal *conviction,* li fil-fatt kien leziv tad-dritt ta' smigh xieraq, mhux tant it-tehid taghha per se .

Fid-decizjoni ricenti suriferita ta' **Malcolm Said** il-Qorti Kostituzzjonali ricentement hadet in konsiderazzjoni dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kaz **Borg vs Malta** u cioe, li gia t-tehid wahdu ta' l-istqarrija kien bizzejjed biex jikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzzjoni *"....in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of the police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons ( see Salduz...) "*

Kompliet din il-Qorti hekk*:"Tassew, is-sentenzi ta' Dimech u ta' Borg huma diffiċilment konċiljabbli ma' xulxin, biex ma ngħidux mill-ewwel li huma kontradittorji. Forsi nistgħu ngħidu wkoll illi s-sentenza ta' Dimech aktar tirrispetta l-prinċipju fondamentali ta' proporzjonalità meta ma ssibx Stat ħati ta' ksur ta' dritt fondamentali f'ċirkostanzi fejn il-vittma ma jkun ġarrab ebda preġudizzju gravi jew reali, jew ukoll fejn jista' jkun li ma jkun vittma xejn.*

*14. Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-ezawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet ir-raġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela "x'aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir".*

*“19. Is-sentenza ta’ Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta’ Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tal-lum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*20. Madankollu, fil-każ tal-lum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta’ għajnuna ta’ avukat ma kienx nuqqas li ma jista’ jkollu ebda konsegwenza ta’ preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

*21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta’ dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta’* **Dimech** *il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista’ jkun malajr.*
*22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa’ dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess.”*

Qajla ghandha x’izid din il-Qorti fir-rigward tar-referenza n ezami adottati dawn l-insenjamenti migbura. Tqis li l-uzu ta’ l-istqarrija mehuda minghajr l-

assistenza legali fi process kriminali (nonostante li fiha Azzopardi fil-maggor parti taghha ghazel li ma jwegibx), huwa leziv ghad-dritt ta' smigh xieraq ta' l-imputat u dana bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jinghad dan ukoll ghax id-dritt ta' smigh xieraq fis-sens ta*' fair trial* jissusisti waqt il-proceduri per se u huma precizament dawk il-proceduri lil Clayton Azzopardi qed jikkawtela kontra il-lezjoni n ezami. Ghalkemm fil-kawza ta' Borg giet mcanfar in-nuqqas sistematiku ta' dan id-dritt fil-ligi penali taghna, (u ben konxxja minn dak li ntqal fil-kawza ta' **Danayan**), fil-verita' stqarrija hekk mehuda, li tibqa pero' ma ssib ebda uzu fi proceduri kriminali, qajla tista tippregudika smigh xieraq, *fair trial*. Din il-Qorti fil-fatt tiffavorixxi l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali suriferit fil-kawza ta' **Malcolm Said** suriferita. Dan huwa fl-opinjoni tal-Qorti aktar imsahhah b'decizzjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali taghna nhar il 11 ta' Lulju, 2016 fl-ismijiet **Aaron Cassar vs Avukat Generali et**.[20] fejn qalet fir-rigward ta' proceduri kriminali mitmuma li *"... din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija (Charles Stevens Muscat v. Avukat Generali) hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – **għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm (**emfasi ta'* **din** *il-Qorti**)**– illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' Borg v. Malta imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni".*

**It-tieni referenza mitluba wkoll hija koncernanti stqarrija mehuda minghajr id-dritt ta' assistenza legali pero din id-darba dik tax-xhud Maria Assunta Vella.**

[20] Rikors Kost. 7/2014/LSO

Jirrizulta mill-atti kriminali illi din x-xhud Vella xehdet fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2012.[21] Fl-istess xhieda hija kkonfermat bil-gurament dak li kienet gia stqarret quddiem il-Magistrat Inkwerenti, kif jidher mill-istqarrija guramentata esebita bhala Dok. JM1.[22] Senjatament huwa notat ukoll illi qabel ma l-istess xhud ikkonfermat l-istqarrija minnha guramentat quddiem l-Inkwerenti, hi tat ix-xhieda taghha bla referenza ghal istess stqarrija u kienet biss wara dan, li saritilha referenza ghalija u regghet ikkonfermata bil-gurament.

L-istqarrija ta' Vella ukoll ittiehdet qabel ma dahhlet in vigore l-ligi li takkorda l-assistenza legali qabel ir-rilaxx ta' l-istess.

L-imputat Azzopardi jilmenta ukoll illi ghalhekk din l-istqarrija hekk mehuda, u uzata fil-proceduri kriminali kontrih tilledilu d-dritt tieghu ta' smigh xieraq in kwantu x-xhud ma kienetx assistita minn avukat fl-ghoti ta' l-istqarrija. Zid fin-nota ta' sottomissjonijiet ukoll illi l-posizzjoni tal-Qrati Maltin ma kienetx cara dwar l-ammissibilta ta' dawn l-istqarrijiet.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-istqarrija tat-terz Vella hija wahda mehuda ai termini ta' l-artikolu 24(A)(12)(13) tal-Kap 101 tal-Ligijiet t ta' Malta. Hija stqarrija li skont l-artikolu 30A ta' l-imsemmi Kap tidderoga mill-principji stabbiliti fl-artikolu 661 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kif ben ukoll ippuntwalizza l-Avukat Generali fin-nota tieghu. In *poche parole,* hija l-unika mezz kif stqarrija ta' xhud tista tingieb bhala prova kontra l-imputat, stqarrija li mhiex wahda mehuda biss mill-pulizija, ghalhekk tista ggorr certu suspetti u allegazzjonijiet fuq it-

[21] Folio 13 ta' l-Atti KJriminali.
[22] Fol 6 ta' l-Atti Kriminali

tehid taghha, pero hija wahda kkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti bil-garanziji kollha inerenti minn hekk.

Varji huma s-sentenzi li kkristalizaw l-ammissabilita' ta' dawn l-istqarrijiet tat-terz .

Fir-referenza kostituzzjonali mressqa mill-imputat **Renald Baldacchino**, fejn giet michuda l-allegazzjoni ta' lezjoni a bazi li tali stqarrijiet jisvestu l-imputat minn kontroll, inkwantu dawna jittiehdu fi stadju ta' *pre-trial*, allura fl-assenza tieghu, kif ukoll stante lil prosekuzzjoni biss tkun presenti fit-tehid ta' l-istess, allura in mankanza ta' e*quality of arms*, il-Qorti Kostituzzjonali qalet;[23]

*" 21. Kif ġa ġie osservat fuq, il-fatt illi l-istqarrija tiġi mwettqa bil-ġurament quddiem maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju imparzjali u indipendenti, hija garanzija biżżejjed ta' kontroll u legalita, u, kontra dak li jgħid l-imputat, il-fatt illi għandu dritt ampju ta' kontro-eżemi jagħtih ukoll equality of arms mal-prosekuzzjoni. Dan qalitu wkoll il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Camilleri v. Malta:*

*"The Court further recalls that all evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However, the use in evidence of statements obtained at the stage of the police inquiry and the judicial investigation is not in itself inconsistent with paragraphs 3 (d) and 1 of Article 6 of the Convention, provided that the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and*

[23] Il-Pulizija (**Spettur Norbert Ciappara) vs Renald Baldacchino:** 06/02/15

*question a witness against him or her either when that witness is making a statement or at a later stage of the proceedings."*

Fid-decizzjoni ukoll moghtija mill-Qorti Kostitizzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri** deciza fil-25 ta' Jannar, 2013, intqal dwar l-istqarrijiet guramentati tat-terzi illi ma kienet tressqet ebda prova lix-xhieda terzi kienu ilmentaw b'xi ksur ta' xi jedd taghhom, *"u ghalhekk aktar u aktar ma jistax jinghad illi dik l-istqarrija hija illecita meta min jaghmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tieghu."*

L-istess gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Mario Borg vs Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fl-4 ta' Gunju, 2012,[24] li giet ikkonfermata fl-appell.[25]

F'din id-decizjoni intqal dan dwar in-nuqqas ta' assistenza legali moghtija lix-xhud:

*"F'każ ta' stqarrija li tingħata lill pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakolta li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet*

[24] Rikors nru. 57/2011

[25] 25/01/13 Appell Civili numru 57/2011/1

*b'abbuż għalkemm kellu kull fakolta li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrijja għandha titqies bħala xhieda ammissibbli."*

Ziedet il-Qorti ta' l-Appell *"L-istqarrijiet tax-xhieda kienu ghalhekk xhieda ammissibbli meqjusa b'harsien shih ta' dak li trid il-ligi"*

Aktar incisiv kienet dak li qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Andrew Forace vs l-Onorevoli Prim Ministru u L-Avukat Generali** datata 31 ta' Ottubru, 2012 rikors numru 49/2011 dwar l-istess allegata lanjanza:

*"The evidence put forward at the trial may refer back to statements previously made by the accused or testimony by witnesses, provided that the latter can be revoked or refuted during the trial. If a witness does not wish to act as a witness during the trial and can advance a legitimate reason for it, there is no objection to a reading of previous testimony, provided that the right of the defence to question witnesses is sufficiently upheld. ... If this condition has not been met, the verdict must not be based exclusively or largely on such testimony. ... The use as evidence of a statement made in the pre-trial phase by a person who subsequently, in accordance with national law, refuses to give evidence in court, is in itself not incompatible with the Convention. However, it may lead to a conviction only if there exists evidence that corroborates the statement"*[26]

*F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sottomissjonijiet tal-intimati f'dan ir-rigward u għall-ġurisprudenza li ssostni dawk l-istess sottomissjonijiet;*

*Illi jekk wieħed iħaddem l-imsemmija prinċipji għall-każ li l- Qorti għandha quddiemha, wieħed jara li l-fatt waħdu li stqarrija magħmula minn persuna fi*

[26] Van Dijk , van Hoof, van Rijin, ZWAAK; Theory and practice of the European Convention on Human Rights (4th edition) page 626 u 645fi

*żmien qabel ma jkun inbeda l-proċess (għalhekk dan jgħodd fih ukoll l-istadju tal-inkjesta) titħalla tgħodd bħala prova ma jiksirx id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Mela, fil-fehma tal-Qorti, anqas u anqas jinkisru d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni fejn dik l-istqarrija tkun ħadet is-sura ta' xhieda maħlufa meħuda quddiem qorti, bl-għoti tal-garanziji u twissijiet li dik ix-xhieda kienet ħielsa u mhux magħmula kontra rrieda tal-persuna jew bi twebbil ta' xi vantaġġ jew favur.*

*Fuq kollox, iżjed jitbiegħed il-biżgħa ta' ksur tal-Konvenzjoni fejn il-parti akkużata jkollha l-opportunita', waqt is-smigħ tal-kawża, li tressaq lil dak ix-xhud jew b'xhud tagħha jew fil-kontro-eżami. Dawn iċ-ċirkostanzi huma kollha disponibbli lir-rikorrent fil-każ tal-lum; Illi l-Qorti tqis ukoll li meta Calleja għażel li jikkonferma l istqarrija li ta lill-Pulizija b'ġurament quddiem il-Maġistrat inkwirenti, dan kien fi stadju fejn il-Pulizija ma kienet għadha xliet lil ħadd (lanqas lil Calleja nnifsu), wisq anqas lir-rikorrent. B'dan il-mod, il-Qorti ma tifhimx kif ir-rikorrent ippretenda li jkun preżenti meta Calleja ikkonferma x-xhieda tiegħu jew kif l-għoti ta' dik ix-xhieda sata' jitqies li ttieħed minn wara dahru; Illi mbagħad jekk wieħed iqis id-dispożizzjonijiet tal artikolu 550(2) u 646(10) tal-Kodiċi Kriminali, għandu jidher ċar li l-liġi tagħti setgħat indaqs kemm lill- Prosekuzzjoni u kif ukoll lill-parti mixlija jew id-difensur tagħha biex jirregolaw l-għoti tax-xhieda meħuda waqt proċess verbal u kif ukoll – u hawn tidħol garanzija ta' ħarsien ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq – li tkun Qorti nnifisha li tgħid jekk dik l-għamla ta' xhieda hijiex ammissibbli fil-kawża. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jolqot ħafna l-ilment tar-rikorrent dwar ksur tal-prinċipju tattrattament indaqs ("equality of arms"), jekk ma jġibux saħansitra fix-xejn;*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li r-rikorrent qiegħed jattakka*

*jiksru l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni u lanqas jirriżultalha li t-tħaddim tal-istess dispożizzjonijiet qiegħed jikser il-jedd tal-istess rikorrent għal smigħ xieraq taħt l-istess artikolu."*

Illi applikati dawn il-principji, il-Qorti tqis illi ghandu jkun ix-xhud li *caso mai* jilmenta minn nuqqas ta' assistenza legali u mhux l-imputat. L-interess personali, dirett u attwali fl-attakk ta' l-istqarrija jinhtieg jkun tax-xhud migjub allura ta' Vella u mhux ta' l-imputat Clayton Azzopardi. Lanqas ma jista l-imputat jilmenta minn nuqqas ta' smigh xieraq ghaliex ghalkemm ix-xhieda kienet wahda mehuda *pre trial,* hu, in omagg tal-principju ta' proporzjonalita', ghandu kull opportunita' li jezamina dak kollu li qalet ix-xhud, li der resto ghazlet li tixhed viva voce fil-kawza tieghu. Jerga jigi ritenut illi Maria Assunta Vella l-ewwel xehdet di *sua sponte* imbaghad giet moqrija lilha l-istqarrija, li ghazlet ukoll li tikkonferma quddiem il-Qorti adita bil-proceduri kriminali.

Barra minn dan, l-imputat jilmenta fis-sottomissjonijiet illi hu gie pregudikat minhabba lix-xhieda tat-terz giet mehuda fi stat ta' incertezza tal-Qrati Maltin fil-konfront ta' l-ammissibilta' o meno ta l-istqarrija in kwantu skontu ma kienux segwew dak stabbilit f'**Salduz.** Ghalhekk il-lezjoni hawn imressqa hija fuq l-incertezza legali skontu fil-kazistika nostrana[27]. Taghmel hawn il-Qorti <u>ampja</u> referenza ghal dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza ta' **Martin Dimech vs Malta** fejn cahdet lanjanza simili ta' ksur minhabba incertezza legali, qalet;

*"64. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty (see Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 61, ECHR 1999-VII), which, inter alia, guarantees a certain stability in legal situations and*

[27] Fol 50 nota ta' sottomissjonijiet.

*contributes to public confidence in the courts (see Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey [GC], no. 13279/05, § 57, 20 October 2011). The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009). However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008) and case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evaluative approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 36815/03, § 38, 14 January 2010).*

*65. The Court has been called upon a number of times to examine cases concerning conflicting court decisions and has thus had an opportunity to pronounce judgment on the conditions in which conflicting decisions of domestic supreme courts were in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see Paduraru v. Romania, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Beian v. Romania (no. 1), no. 30658/05, ECHR 2007-XIII (extracts); Iordan Iordanov and Others v. Bulgaria, no. 23530/02, 2 July 2009; Perez Arias v. Spain, no. 32978/03, 28 June 2007; Ştefan and Ştef v. Romania, nos. 24428/03 and 26977/03, 27 January 2009; Taussik v. the Czech Republic (dec.), no. 42162/02, 2 December 2008; and Tudor v. Romania, no. 21911/03, 24 March 2009). In so doing it has explained the criteria that guided its assessment, which consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of a supreme court, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies,*

*whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited above, §§ 49-50).*

***(b) Application to the present case***

*66. Having analysed the judgments brought to the Court's attention the Court observes that the difference the applicant complains of resides not in the factual situations examined by the domestic courts (see, conversely, Erol Uçar v. Turkey (dec.), no. 12960/05, 29 September 2009) – in so far as all the claimants were subject to the blanket provision – but in the application of the law (based on case-law, namely the case-law of this Court). It also appears that the Constitutional Court originally followed the Salduz judgment strictly. However, at some point, notably from 2012 onwards, the Constitutional Court "restricted" its interpretation of the Salduz judgment, with the consequence that a number of persons who were subject to the systemic ban in Malta, and who therefore were not assisted by a lawyer when they made their statements, did not have the benefit of favourable judgments remedying their situation. This interpretation appears to have remained the practice thereafter, in so far as the only example brought by the applicant to demonstrate a further inconsistency was the case of The Republic of Malta vs Alfred Camilleri of 12 November 2012, which was however overturned by the Constitutional Court pending proceedings before this Court.*

*67. Thus, in the Court's view, unlike in Beian (cited above), the present case does not deal with divergent approaches by the supreme court – in the present case the Constitutional Court, which is the highest court in Malta – which could create jurisprudential uncertainty, depriving the applicant of the benefits arising from the law. The situation in the present case constituted a reversal of case-law. In this connection the Court reiterates that, as held in S.S.*

*Balıklıçeşme Beldesi Tarım Kalkınma Kooperatifi and Others v. Turkey (nos. 3573/05, 3617/05, 9667/05, 9884/05, 9891/05, 10167/05, 10228/05, 17258/05, 17260/05, 17262/05, 17275/05, 17290/05 and 17293/05, 30 November 2010), in the absence of arbitrariness, a reversal of case-law falls within the discretionary powers of the domestic courts, notably in countries which have a system of written law (as in Malta) and which are not, in theory, bound by precedent (see also Torri and Others v. Italy, (dec.), nos. 11838/07 and 12302/07, § 42, 24 January 2012, and Yiğit v Turkey, (dec.) no. 39529/10, §§ 21-22, 14 April 2014).*

*68. The question is, however, more complex, in that the reversal of the case-law did not concern the interpretation of domestic legal norms but of international norms, as interpreted by this Court in its case-law. In the present case the Constitutional Court of Malta departed from the principles established by the Court, a course of action which it was, in theory, free to undertake – although it removes any opportunity for the domestic authorities to make matters right in the domestic system and forces an applicant to bring proceedings before the Court under Article 34 of the Convention. Nevertheless, the Court considers that the way that domestic courts apply relevant case-law of this Court to domestic proceedings cannot by itself raise an issue of legal certainty at the domestic level. Importantly, the Court notes that there is no indication that in the national court's application of their interpretation of this Court's case-law in the applicants' case, there was any arbitrariness capable of raising an issue under the Convention. Indeed, it appears that within their autonomous interpretation of the case-law, the domestic courts were coherent and respected the criteria of judicial assessment.*

*69. In these circumstances the Court considers that no issue arises in respect of Article 6 § 1 as regards the notion of legal certainty in the present proceedings. There has accordingly been no violation of that provision".*

Minn ezami tal-kazistika prodotta f'dan ir-rigward ma jirrizultax illi l-Qrati taghna kellhom xi xkiel dwar l-applikazzjoni ta' l-istqarrijiet tat-terz mehuda taht il-kappa tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, anzi adirittura kienu konsistenti fl-applikabilita' taghhom.

Tenut dana kollu premess il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat Clayton Azopardi ma hu se jsoffri ebda ksur ghad-drittijiet tieghu ta' smigh xieraq kif minnu lamentat minhabba l-uzu fil-proceduri kriminali migjuba kontrih tax-xhieda guramentata tax-xhud Maria Assunta Vella.

**It-tielet referenza mitluba hija dik mressqa fir-rigward ta' l-allegat ksur ghad-dritt ta' smigh xieraq minhabba nuqqas ta' *disclosure* u dan ukoll bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Clayton Azzopardi tramite d-difiza tieghu talab ukoll direzzjoni lil Qorti dwar in-nuqqas ta' access ta' informazzjoni li kellha f'idejha l-pulizija li skontu allura jincidi fuq id-dritt ta' smigh xieraq. Fl-ewwel lok jigi ritenut illi ghandu ragun l-Avukat Generali meta qal li Azzopardi kien ferm skars f'din it-talba tieghu, in kwantu mhux car ghal-Qorti jekk tali nuqqas ta' *disclosure* japplikax ghal informazzjoni li kellha f'idejha il-pulizija waqt l-investigazzjoni jew dak li se tressaq fil-proceduri kriminali. L-istess skarsezza hija riflessa fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' Azzopardi.

Bla dubju u mhux kontestat li fiz-zmien ta' l-arrest ta' Azzopardi ma kienx hemm dritt ta' access ghal *file t*al-pulizija fil-ligi penali maltija, id-dritt ta' *disclosure.* Certament il-konoxxenza tal-provi lil prosekuzzjoni tressaq kontra l-imputat huma sanciti fil-principju ta' *equality of arms,* element fundamentali ta' dritt ta' smigh xieraq. Fil-**Guide on Article 6: Right To A Fair Trial (criminal limb) tal-Kunsill Ewropej 2014** pagna 20 insibu hekk dwar dan:

*" **2. Adversarial hearing***

*103. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party. In addition Article 6 § 1 requires that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], § 60).*

*104. In a criminal trial, Article 6 § 1 usually overlaps with the defence rights under Article 6 § 3, such as the right to question witnesses."*[28] .

Fil-kaz in ezami l-proceduri ghadhom ghaddejjin, ghalhekk a priori jista jinghad li kieku kien hemm xi xhieda mistura mid-difiza wiehed irid jistenna l-ezitu ta' dawn il-proceduri biex jigi valutat il-pregudizzju soffert. L-ezami li ghandu jsir huwa jekk in konkluzjoni ta' dawn il-proceduri jirrizultax li Azzopardi sofra xi

[28] **Rowe and Davies v United Kingdom** (2000) 30 EHRR 1

pregudizzju rizultat ta' *non disclosure*, jekk kienx hemm xi evidenza li nzammet mistura minnu li kienet twassal ghal konkluzjoni differenti fil-proceduri penali kontrih. Fil-gudizzju esteru moghti mis-Supreme Court fil-kawza **McInnes vs Her Majesty's Advocate** tal-10 ta' Frar, 2010[29] gie espress mill-Qorti dan il-hsieb: li l-ezami ta' pregudizzju soffert minhabba *lack of disclosure* ta' xhieda ghandu jsir wara l-*outcome* finali tal-proceduri penali, it-test uzat huwa dak lil materjal ikkoncernat setghax kien tan-natura *"which either materially weakens the Crown case or materially strengthens the case for the defence*"; dana ghandu jirrizulta fi pregudizzju ghad difiza b'mod tali li dana il-materjal mhux *disclosed* kien jwassal ghal possibilta' reali ta' "*acquittal".*

In ezami ta' dak prospettat mid-difiza meta ressqet din il-lanjanza ghar-referenza u anke minn dak li jirrizulta s'issa mill-atti, ma jirrizulta minn imkien li minhabba in-nuqqas tar-regola ta' *disclosure* fil-ligi penali taghna fi zmien li tressaq Azzopardi, li hu b'xi mod se jigi pregudikat fil-proceduri kriminali li hemm ghaddejjin kontrih. Sa kemm kull xhud *viva voce* jew provi dokumentarji li se tressaq il-prosekuzzjoni fil-kawza nnifisha huma suggetti ghal iskrutinju ta' l-imputat, inkluz il-kontro-ezamijiet u sakemm hu permess ghalih li jipproduci kull xhud minnu meqjus neccesarju, (dejjem fit-termini tal-ligi procedurali taghna), din il-Qorti ma tistax tasal biex tara li jista jkun hemm ksur ta' l-ebda wiehed mill-artikoli ndikati lilha taht din ir-referenza. Fuq dan l-istess binarju ddecidiet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Aaron Cassar vs l-Avukat Generali**[30] gia suriferita.

**Konkluzzjoni**

---

[29] [2010] UKSC7. On Appeal from: 2008 HCJAC 53

[30] 28/01/2016: 7/2014/LSO

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddisponi minn din ir-referenza billi twieġeb ghal kweziti lilha mibghuta billi ssib li l-uzu ta' l-istqarrija ta' l-imputat Clayton Azzopardi fi proceduri kriminali n kwantu mehuda minghajr ma gie moghti lilu d-dritt ta' assistenza legali huwa leziv tad-dritt ta' smigh xieraq u dan kif stipulat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Tal-Libertajiet Fundamentali, pero ma ssib ebda tali ksur ta' dan id-dritt fil-konfront tat-tehid u uzu ta' l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella u r-regola ta' *lack of disclosure* kif suriferit. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif preseduta mill-**Magistrat Dottor Natasha Galea Sciberras** biex tiġi inserita fl-atti fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur J.Borg vs Clayton Azzopardi, numru 136/2011.**

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Miriam Hayman**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Deputat Registratur**